Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2024/0000(INI)

15.10.2024

ABBOZZ TA’ RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta’ sigurtà komuni – rapport annwali 2024
(2024/0000(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: David McAllister

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 15

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2024 (2024/0000(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 14, 16, 21, 24, 36 u 41 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[1],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tal-20 ta' Ġunju 2024 intitolat "Rapport dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni - Il-prijoritajiet tagħna fl-2024",

– wara li kkunsidra l-"Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża – Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali", approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Marzu 2024, tat-18 ta' April 2024 u tas-27 ta' Ġunju 2024,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tat-18 ta' Marzu, tat-22 ta' April, tal-24 ta' Mejju, tal-24 ta' Ġunju u tat-22 ta' Lulju,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2024),

A. billi r-ritmu tal-bidla ġeopolitika huwa drastiku, bl-atturi awtokratiċi jaħdmu b'mod individwali jew f'azzjoni miftiehma biex jimminaw l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-organizzazzjonijiet multilaterali tiegħu; billi l-kunflitti qed ifaqqsu u l-użu tal-forza qiegħed jiġi dejjem aktar normalizzat bħala mezz biex jiġu segwiti l-objettivi politiċi kemm mill-Istati kif ukoll mill-atturi mhux statali;

B. billi l-kuntest ġeopolitiku li fih topera l-UE aċċentwa l-bżonn ta' azzjoni aktar ambizzjuża, kredibbli u magħquda tal-UE fix-xena dinjija u enfasizza l-bżonn li l-Istati

[1] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.
[2] ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/509/2024-03-18.

Membri juru r-rieda politika meħtieġa biex jittrasformaw il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) f'politika tal-UE vera u proprja; billi fl-azzjoni esterna tagħha l-UE għandha tkun iggwidata mill-valuri u mill-prinċipji minquxa fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 3(5) u fl-Artikolu 21 tat-TUE, li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tal-UE; billi l-UE għandha tiddefendi, b'konsegwenza ta' dan, il-libertà u l-istandards demokratiċi fuq livell dinji, kif ukoll l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem;

C. billi dan ir-rapport jeżamina l-ewwel nett ir-rapport annwali dwar il-PESK tal-VP/RGħ u sussegwentement jintegrah bil-pożizzjonijiet tal-Parlament dwar l-objettivi tal-PESK fl-2025; billi, b'tali mod, ir-rapport jelabora b'mod partikolari fuq (1) il-konsegwenzi globali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, (2) il-kunflitt u l-paċi fil-Lvant Nofsani, (3) il-kooperazzjoni mas-sħab tal-istess fehma u (4) il-viżibbiltà ġenerali tal-azzjoni tal-UE barra mill-UE; billi l-pożizzjoni b'viżjoni lejn il-futur tal-Parlament fil-qasam tal-PESK hija fl-aħħar mill-aħħar sottolinjata mir-rikjesti prinċipali relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u mas-sorveljanza parlamentari fil-konfront tal-QFP;

D. billi fil-qasam tal-PESK, il-Parlament Ewropew jeżerċita l-funzjonijiet ta' kontroll politiku u ta' konsultazzjoni; billi jeżerċita l-funzjoni baġitarja għal dan il-qasam tal-politika b'mod konġunt mal-Kunsill, għajr f'każijiet li fihom il-Kunsill jiddeċiedi b'unanimità li n-nefqa tkun iddebitata lill-Istati Membri; billi l-Parlament Ewropew jeħtieġ li jeżerċita l-kompetenzi kollha tiegħu bi sħiħ ħalli jżid il-leġittimità demokratika tal-PESK; billi l-istituzzjonijiet l-oħra jeħtieġ li jadattaw il-kooperazzjoni tagħhom mal-Parlament Ewropew f'dan is-sens;

I. Ir-rapport annwali 2024 tal-VP/RGħ

1. Josserva li r-rapport ġie ppreżentat lill-Parlament Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2024; ifakkar li n-natura tar-rapport għandha tkun waħda li tħares fil-bogħod; jesprimi minn hawn 'il quddiem osservazzjonijiet dwar diversi żviluppi enfasizzati fir-rapport tal-VP/RGħ;

2. Japprezza b'mod partikolari:

   - il-konklużjoni pożittiva fi tmien l-2023 tal-proċess ta' eżami analitiku (screening) għall-Albanija; itenni l-appell tiegħu biex tinbeda mill-aktar fis possibbli l-fażi li jmiss ta' negozjati; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu intensifikati aktar ir-riformi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet li jippersistu fir-rigward tal-"kwistjonijiet fundamentali";

   - il-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni mal-Bożnija-Ħerzegovina; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet jieħdu l-miżuri rilevanti kollha indikati fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2022; jiddeplora r-retorika xewwieka u l-liġijiet u l-politiki seċessjonisti rikorrenti tal-mexxejja tal-entità "Republika Srpska" u jfakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza li l-EUFOR Althea tkun preżenti b'mod viżibbli;

   - il-progress fid-Djalogu bejn Belgrad u Pristina, speċjalment fl-oqsma tal-libertà tal-moviment u tal-enerġija; jiddispjaċih bin-nuqqas ta' progress fl-implimentazzjoni tal-perkors lejn in-normalizzazzjoni u jitlob li jsiru sforzi u kapaċitajiet fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet u fl-iżvilupp tad-djalogu ffaċilitat mill-UE;

- il-progress li għamel il-Montenegro f'dak li għandu x'jaqsam mar-rispett tal-parametri intermedji ta' riferiment għall-Kapitoli 23 u 24 tal-*acquis* tal-UE; jinkoraġġixxi lill-pajjiż ikompli jagħmel progress u jimplimenta malajr ir-riformi relatati mal-UE;

- il-konklużjoni pożittiva fi tmien l-2023 tal-proċess ta' eżami analitiku (screening) għall-Maċedonja ta' Fuq; jagħmel appell biex tinbeda mill-aktar fis possibbli l-faża li jmiss ta' negozjati; jistieden lill-Gvern tal-Maċedonja ta' Fuq jaħdem b'mod kostruttiv mal-pajjiżi ġirien biex ineħħi l-ostakli li fadal u jimxi 'l quddiem fin-negozjati ta' adeżjoni;

- l-issuktar pożittiv tad-djalogu PESK bejn l-UE u s-sħab tagħha fil-Balkani tal-Punent u l-importanza ta' dawn is-sħubijiet għall-paċi u s-sigurtà; ifakkar li t-tkabbir tal-UE jikkostitwixxi investiment ġeostrateġiku, li jirrikjedi involviment kemm mill-UE kif ukoll mill-pajjiżi tat-tkabbir fir-rigward tal-perkorsi tagħhom lejn l-adeżjoni; ifakkar, f'dan il-kuntest, fil-bżonn kontinwu ta' riformi fir-rigward tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet fundamentali u tal-amministrazzjoni pubblika, u ta' allinjament mal-PESK, anki mas-sanzjonijiet;

- id-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni mal-Ukrajna u mal-Moldova; ifaħħar il-fatt li r-rata ta' allinjament mal-PESK tal-Moldova żdiedet konsiderevolment minn 54 % fl-2022 għal 86 % fl-2024; jitlob li jitħaffef il-proċess ta' eżami analitiku (screening) u li jiġu organizzati b'mod puntwali l-konferenzi intergovernattivi sussegwenti;

- it-tentattivi li għaddejjin bħalissa bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan biex jinnormalizzaw ir-relazzjonijiet ta' bejniethom; jinkoraġġihom jiffirmaw, mill-aktar fis, ftehim ta' paċi komprensiv;

3. Jikkundanna b'mod partikolari:

- il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna li għaddejja bħalissa u l-attakki Russi dejjem aktar frekwenti kontra objettivi ċivili u infrastrutturi ċivili fl-Ukrajna; jitlob li r-Russja u l-forzi ta' prokura tagħha jġibu fi tmiemha l-azzjoni militari kollha u li t-tmexxija Russa tirtira minnufih u mingħajr kundizzjonijiet it-truppi tagħha mill-Ukrajna u minn kwalunkwe pajjiż ieħor li hija tokkupa illegalment it-territorju tiegħu, jew part minnu;

- ir-rwol tar-reġim illeġittimu ta' Aliaksandr Lukashenka talli effettivament ċeda s-sovranità nazzjonali lill-Kremlin ħalli jżomm il-kontroll tiegħu fuq il-Belarussja;

- l-attivitajiet malizzjuży dejjem aktar frekwenti, l-indħil u l-gwerra ibrida mmexxija mill-Federazzjoni Russa, mill-istituzzjonijiet tagħha u mill-forzi ta' prokura tagħha bil-għan li jikkompromettu u jimminaw l-istabbiltà demokratika u s-sovranità tar-Repubblika tal-Moldova;

- l-attakki terroristiċi brutali u indiskriminati kommessi minn Ħamas f'Iżrael fis-7 ta' Ottubr 2023, li qanqlu kunflitt f'Gaża b'konsegwenzi sproporzjonati fuq iċ-ċivili u wasslet għal sitwazzjoni umanitarja katastrofika;

- l-inosservanza kontinwa min-naħa tal-Iran tal-obbligi ġuridiċi tiegħu fil-qasam tas-salvagwardja skont il-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK) u l-avvanz tal-programm nukleari tiegħu lil hinn minn kull ġustifikazzjoni ċivili kredibbli;

- id-detenzjoni inġustifikata ta' ċittadini Ewropej fl-Iran; iħeġġeġ lill-VP/RGħ tagħmel kulma hu possibbli biex jinħelsu lil dawn iċ-ċittadini u jinġieb fi tmiemu l-użu tad-diplomazija tal-ostaġġi Iranjana;

- l-adozzjoni reċenti tal-liġi dwar "il-promozzjoni tal-virtù u l-prevenzjoni tal-vizzju" fl-Afganistan, kif ukoll il-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-interpretazzjoni estrema tax-Xarija li tikkanċella lin-nisa mill-ħajja pubblika, tipprojbixxi li jaħdmu, tostakola l-aċċess tagħhom għall-assistenza fil-qasam tas-saħħa mingħajr ma jkunu akkumpanjati minn membru raġel tal-familja u għall-edukazzjoni wara s-sitt klassi; jitlob lill-awtoritajiet *de facto* tal-Afganistan ineħħu r-restrizzjonijiet kollha bbażati fuq il-ġeneri indirizzati lin-nisa u jisħaq li dan irid ikun kundizzjoni ewlenija għal kwalunkwe involviment tal-komunità internazzjonali mat-Talibani; jinsisti li jinżamm impenn rigoruż u kundizzjonat mat-Talibani, abbażi tal-ħames parametri ta' riferiment stabbiliti mill-Kunsill biex ikun hemm djalogu mal-awtoritajiet *de facto* u li dawk responsabbli jagħtu kont tal-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniet u tan-nisa, anki permezz ta' miżuri restrittivi;

- il-portata u l-intensità dejjem akbar tal-operazzjonijiet tal-bastimenti u tal-inġenji tal-ajru tal-Gvern Ċiniż maħsuba biex jintimidaw il-ġirien taċ-Ċina; jiddenunzja s-sistema ta' xogħol furzat immexxija mill-gvern u d-delitti kontra l-umanità kommessi miċ-Ċina fix-Xinjiang;

- id-deċiżjoni tar-reġimi militari tas-Saħel ċentrali fil-Burkina Faso, fil-Mali u fin-Niġer li joħorġu mill-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), b'hekk daħħlu lill-ECOWAS fi kriżi politika profonda; jieħu nota li ngħalqet b'mod *de facto* l-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċitajiet fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) u li ma ġġedditx il-Missjoni ta' Taħriġ tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUTM);

- ir-reġim awtoritarju ta' Daniel Ortega u Rosario Murillo, li qegħdin idgħajfu sistematikament l-istrutturi demokratiċi tan-Nikaragwa; ifakkar li r-reġim tan-Nikaragwa għandu rabtiet b'saħħithom ma' awtokraziji oħra, pereżempju dawk tal-Iran, tal-Venezwela u ta' Kuba; jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-ksur u l-abbużi sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tar-reġim Kuban; jikkundanna bil-qawwa u jirrifjuta kategorikament il-frodi elettorali orkestrati mir-reġim fil-Venezwela u jitlob li l-gvern Maduro jwaqqaf il-politika ta' repressjoni tiegħu u l-attakki fuq is-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni;

4. Jaqbel ma':

- il-bżonn li jitjiebu r-relazzjonijiet mat-Turkija; jilqa' pożittivament it-tnaqqis parzjali tat-tensjonijiet fil-Mediterran tal-Lvant u fl-Eġew; itenni t-tħassib tiegħu rigward il-fatt li l-politika estera tat-Turkija għadha f'kuntrast mal-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tal-PESK;

- l-urġenza għall-UE u għall-Gvern Tork biex jimxu lejn proċess ta' riflessjoni reċiproka li twassal għal sħubija strateġika li tkun aktar dinamika u reċiprokament vantaġġuża, fid-dawl tar-rwol fundamentali li tiżvolġi t-Turkija fir-reġjun u tal-importanza tagħha bħala alleat fin-NATO;

- il-fatt li t-Turkija mhijiex qed tagħmel sforzi adegwati biex tkun allinjata mal-PESK tal-UE, anki fir-rigward tas-sanzjonijiet u tal-antiċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet, kif ukoll il-bżonn li t-Turkija tikkoopera mill-qrib mal-Mibgħut tas-Sanzjonijiet tal-UE; jiddeplora n-natura inaċċettabbli tas-solidarjetà u tal-appoġġ li l-President tat-Turkija wera pubblikament lill-organizzazzjoni terroristika Ħamas;

- l-appell lit-Turkija biex taħdem fuq approċċ kostruttiv li la jkun assertiv u lanqas aggressiv, fil-konfront tal-pajjiżi ġirien tagħha;

- il-fatt li l-liġi dwar "it-trasparenza tal-influwenza barranija", il-liġi dwar "il-valuri tal-familja u l-protezzjoni tal-minorenni" kif ukoll il-bidliet fil-Kodiċi Elettorali tal-Georgia, huma inkompatibbli mal-valuri u mal-prinċipji demokratiċi tal-UE; ifakkar li t-talba għall-adeżjoni mal-UE min-naħa tal-Georgia se tkun valutata abbażi tal-merti tal-pajjiż u tas-suċċess tiegħu biex jissodisfa l-kriterji ta' Copenhagen għall-adeżjoni mal-UE;

- it-tħassib dwar il-pressjoni eżerċitata mir-Russja u miċ-Ċina fl-Asja Ċentrali u jisħaq fuq il-ħtieġa li tiżdied il-preżenza tal-UE fl-Asja Ċentrali bħala risposta għal din il-pressjoni; jissottolinja l-interess tal-UE biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet ekonomiċi u tintesifika r-rabtiet politiċi mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, parzjalment biex tiġi indirizzata iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarussja;

- il-fatt li l-Artiku għandu importanza ġeostrateġika fir-rigward tal-espansjoni tar-rotot marittimi possibbli, tal-aċċess għar-riżorsi naturali, tal-konservazzjoni tal-klima, tar-rivendikazzjonijiet territorjali minħabba, fost oħrajn, l-espansjoni militari Russa fit-Tramuntana Estrema, u tal-libertà u tas-sikurezza tan-navigazzjoni;

II. L-objettivi tal-PESK fl-2025

5. Jidentifika, f'din it-taqsima li ġejja, l-objettivi tal-PESK tal-Parlament fl-2025, b'hekk jintegra l-fehmiet espressi fir-rapport annwali dwar il-PESK tal-VP/RGħ;

L-indirizzar tal-konsegwenzi globali tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

6. Josserva li r-risposta tal-UE għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna hija segwita b'attenzjoni kbira minn atturi awtokratiċi fid-dinja kollha u se jkollha influwenza determinanti fit-tiswir tal-imġiba tagħhom fix-xena internazzjonali;

7. Jistieden lill-Ukrajna tkompli tagħmel progress lejn l-adeżjoni mal-UE bl-użu tar-riżorsi kollha li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha fl-ambitu tal-Faċilità għall-Ukrajna u tiżgura l-involviment sinifikattiv tas-soċjetà ċivili tagħha fil-fażijiet ta' implimentazzjoni u ta' monitoraġġ tal-proċess;

8. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jagħtu assistenza umanitarja, appoġġ

militari, għajnuna ekonomika u finanzjarja u appoġġ politiku b'kull mod possibbli sarebħa tal-Ukrajna, bl-iskop li tinġieb fi tmiemha l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u l-Ukrajna tkun tista' tillibera l-poplu kollu tagħha u terġa' tistabbilixxi l-kontroll sħiħ fi ħdan il-konfini rikonoxxuti f'livell internazzjonali; jissottolinja, b'mod partikolari, il-bżonn urġenti li l-Ukrajna tingħata iżjed kapaċitajiet ta' difiża mill-ajru biex tiddefendi l-infrastruttura enerġetika kritika tagħha qabel ix-xitwa li ġejja u jistieden lill-Istati Membri jneħħu minnufih ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tas-sistemi tal-armi tal-Punent fornuti lill-Ukrajna kontra objettivi militari fit-territorju Russu;

9. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jsaħħu l-effikaċja tal-14-il pakkett ta' sanzjonijiet tagħhom adottati sal-lum u jadottaw oħrajn ġodda malli jkun hemm il-bżonn; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni effikaċi mas-sħab tal-istess fehma fid-dinja kollha biex jiżdiedu l-pressjonijiet fuq ir-Russja;

10. Jappoġġja b'mod sod il-pjan ta' paċi f'10 punti mressaq mill-President tal-Ukrajna Volodymyr Zelenskyy u jfakkar li kwalunkwe inizjattiva mmirata biex iġġib fi tmiemha l-gwerra ta' aggressjoni Russa jeħtieġ li tissejjes fuq il-kontribut li tagħti l-Ukrajna u, fl-aħħar mill-aħħar, tkun aċċettata mill-poplu Ukren;

11. Itenni li l-Ukrajna, bħala vittma ta' aggressjoni, għandha d-dritt leġittimu li tiddefendi lilha nnifisha, f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; jistieden lill-VP/RGħ, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri kkonċernati jippermettu l-kontromiżuri effikaċi Ukreni kontra r-Russja; ifakkar li r-Russja kisret id-dritt internazzjonali u li l-qbid sħiħ tal-assi ffriżati Russi jikkostitwixxi miżuri xierqa bil-għan li jiġi infurzat l-obbligu fuq ir-Russja li tirrispetta d-dritt internazzjonali, u biex tirriżarċixxi lill-Ukrajna u lill-partijiet leżi l-oħra għat-telf ikkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja;

12. Jissottolinja l-bżonn urġenti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jinsistu biex jinħoloq tribunal internazzjonali speċjali li jieħu ħsieb il-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni kommess kontra l-Ukrajna min-naħa tal-mexxejja politiċi u militari tal-Federazzjoni Russa u tal-alleati tagħha;

13. Ifaħħar il-proposta tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna, ta' valur stmat ta' EUR 35 miljun, li tirrispondi għall-appell tal-Parlament u tissejjes fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill li jidderieġi d-dħul straordinarju li jirriżulta minn assi statali Russi immobilizzati lejn il-Fond ta' Assistenza għall-Ukrajna u l-Faċilità għall-Ukrajna kif ukoll fuq id-deċiżjoni tal-G7 li joffri lill-Ukrajna self ta' USD 50 biljun garantit permezz ta' assi statali Russi immobilizzati;

14. Ifakkar li s-sigurtà tar-Repubblika tal-Moldova hija marbuta b'mod inseparabbli mas-sigurtà tal-Ukrajna u jqis lir-Repubblika tal-Moldova t-tieni linja tad-difiża tal-istil ta' ħajja Ewropew; jemmen li l-adeżjoni kemm tal-Ukrajna kif ukoll tar-Repubblika tal-Moldova mal-UE tkun jikkostitwixxi investiment ġeostrateġiku f'Ewropa magħquda u b'saħħitha; jinkoraġġixxi lill-VP/RGħ issaħħaħ is-sħubija mal-Ukrajna u mal-Moldova fl-ambitu tal-PESK permezz ta' miżuri konkreti li, b'mod partikolari, jiżguraw l-invjolabbiltà tal-fruntieri tal-Istat taż-żewġ pajjiżi u bejn iż-żewġ pajjiżi;

Ir-riżoluzzjoni tal-kunflitt u l-appoġġ favur il-paċi fil-Lvant Nofsani

15. Jafferma d-dritt ta’ Iżrael għall-awtodifiża kif minqux u limitat mid-dritt internazzjonali; jagħmel appell biex l-ostaġġi kollha jinħelsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet u, sussegwentement, għal waqfien mill-ġlied imminenti u permanenti biex jiġu evitati r-riskju ta’ karestija tal-massa u t-tifqigħa ta’ epidemija sanitarja f’Gaża; ifakkar li Iżrael għandu wkoll l-obbligu li jipproteġi lill-popolazzjoni ċivili u li l-operazzjonijiet militari jridu jkunu proporzjonati u konformi mad-dritt umanitarju internazzjonali;

16. Itenni l-appoġġ sod tiegħu għal soluzzjoni nnegozjata msejsa fuq il-koeżistenza ta’ żewġ Stati abbażi tal-konfini tal-1967, b’żewġ Stati sovrani u demokratiċi bħala ġirien paċifiċi u b’Ġerusalemm bħala l-kapitali komuni; jikkundanna l-bini mgħaġġel tal-insedjamenti illegali Iżraeljani fit-territorju Palestinjan, li jikkostitwixxi ksur tad-dritt internazzjonali; jesprimi tħassib rigward il-vjolenza dejjem aktar frekwenti mwettqa mill-forzi Iżraeljani u mill-abitanti estremisti tal-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent u f’Ġerusalemm tal-Lvant; jesprimi appoġġ favur il-Pjan ta’ Paċi maqsum fi tliet fażijiet tal-President tal-Istati Uniti Biden u jiddispjaċih bin-nuqqas ta’ rieda miż-żewġ naħat biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta’ tali Pjan; jiddispjaċih, barra minn hekk, bil-fatt li l-aktar ċikli reċenti tat-taħditiet ta’ paċi ma wasslu għall-ebda riżultat konkret;

17. Jesprimi tħassib rigward it-tensjonijiet li qed jiħraxu fil-Lvant Nofsani u r-rwol destabbilizzanti li r-reġim Iranjan u x-xibka ta’ atturi mhux statali tiegħu jiżvolġu fir-reġjun; iħeġġeġ lill-partijiet kollha juru moderazzjoni massima, jimpenjaw ruħhom biex inaqqsu t-tensjonijiet u jastjenu milli jħarrxu kwalunkwe tensjoni oħra, inkwantu jrid jiġi evitat kunflitt reġjonali akkost ta’ kollox; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jkomplu u jintensifikaw l-isforzi diplomatiċi tagħhom mas-sħab internazzjonali, fosthom il-pajjiżi tal-Golf, bil-għan li jinkoraġġixxu t-tnaqqis urġenti tat-tensjonijiet u djalogu sinifikattiv;

18. Jilqa’ d-deċiżjoni tal-UE biex iġġedded s-sanzjonijiet kontra l-Iran sa Lulju 2025, anki billi timponi sanzjonijiet fuq il-produzzjoni Iranjana ta’ droni mingħajr bdot abbord u missili kif ukoll il-forniment tagħhom lir-Russja u lir-reġjuni tal-Lvant Nofsani kollu kemm hu; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fost l-għażliet f’termini ta’ sanzjonijiet li għadhom ma ġewx eżawriti hemm approċċ ferm aktar restrittiv għat-trasferimenti tat-teknoloġija permezz tal-esportazzjonijiet ta’ prodotti li mhumiex klassifikati bħala “b’użu doppju”; ifakkar li l-Parlament Ewropew talab li Hezbollah u l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) jiddaħħlu fil-lista tal-UE tal-organizzazzjonijiet terroristiċi;

19. Jenfasizza r-rabtiet b’saħħithom bejn l-Iran u l-IRGC, il-forzi ta’ prokura tagħhom, pereżempju l-Houthi u l-milizzji tal-Iraq u tas-Sirja, u l-organizzazzjonijiet imniżżla fil-lista ta’ terroristi tal-UE, b’mod partikolari Ħamas u l-fergħa militari ta’ Hezbollah; jistieden lill-Kunsill u lill-VP/RGħ idaħħlu lil Hezbollah kollu kemm hu fil-lista tal-UE tal-organizzazzjonijiet terroristiċi; jiddeplora l-attakki ta’ Hezbollah fuq Iżrael li rriżultaw f’invażjoni Iżraeljana mill-art fil-Libanu; jinsab imħasseb bil-kbir bis-sitwazzjoni fil-Libanu u jfakkar fil-bżonn li jieqfu l-ostilitajiet mill-aktar fis possibbli bil-għan li jinħoloq spazju għal soluzzjoni diplomatika tul il-Linja l-Blu, li tkun konsistenti mar-riżoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, inkwantu dan huwa l-uniku perkors biex jonqsu t-tensjonijiet u jiġi stabbilizzat b’mod dejjiemi l-konfini bejn Iżrael u l-Libanu;

20. Jikkondividi l-objettiv li jiġi impedit akkost ta' kollox li l-Iran jikseb armi nukleari; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-fatt li r-reġim ta' Tehran irrifjuta b'mod ċar ir-riattivazzjoni tal-PAKK u, fl-istess ħin, żied il-kapaċità ta' armament nukleari tiegħu; jiddispjaċih bil-fatt li bħalissa ma teżisti l-ebda strateġija fis-seħħ intiża li tipperswadi lill-Iran jastjeni milli jibni kapaċità nukleari militari, u lanqas pjan ta' azzjoni fl-eventwalità li l-Iran jaqbeż is-soll nukleari; jistieden lill-VP/RGħ tressaq strateġija riveduta fil-konfront tal-Iran;

21. Jisottolinja li l-UE teħtieġ iżżid il-preżenza effettiva fir-reġjun, bil-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħha, u jistieden lill-VP/RGħ tagħmel dan prijorità fil-mandat tagħha u fil-QFP li jmiss;

L-inċentivazzjoni tal-kooperazzjoni mas-sħab tal-istess fehma

22. Jisħaq fuq il-fatt li d-dinja qed issir aktar multipolari u anqas multilaterali; jenfasizza li l-fora multilaterali, l-ewwel fosthom in-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħhom, għandhom jitqiesu l-forma ta' kooperazzjoni li tagħżel l-UE; jesprimi tħassib, f'dan ir-rigward, dwar l-importanza dejjem akbar tal-forom esklużivi ta' kooperazzjoni, li jġarrbu kompetizzjoni dejjem akbar; josserva, fl-istess ħin, li l-istituzzjonijiet u n-normi internazzjonali qed jiġu dejjem aktar strumentalizzati; jisħaq fuq il-fatt li din it-tendenza tqiegħed lill-UE f'pożizzjoni delikata, li jkollha ssib bilanċ bejn il-bżonn li tappella għal kunċett wiesa' u inklużiv ta' multilateraliżmu u l-bżonn, fl-istess ħin, li tagħti prijorità lill-kooperazzjoni ma' sħab magħżula tal-istess fehma;

23. Jisħaq fuq il-fatt li, f'dan ir-rigward, il-kuntest ġeopolitiku li fih qiegħda topera l-UE għadu kkaratterizzat minn inċertezza radikali u minn bidla mill-kooperazzjoni għall-kompetizzjoni; josserva bi tħassib kif it-tipi kollha ta' interazzjoni qed jiġu strumentalizzati u jinnota li din it-tendenza tostakola l-kooperazzjoni internazzjonali f'mument meta t-tranżizzjonijiet globali jeħtieġu li jsiru aktar malajr ħalli jiġu indirizzati b'mod effikaċi l-isfidi globali; ifakkar li l-UE ma tistax tingħalaq fiha nnifisha u jeħtiġilha tibqa' miftuħa u impenjata fid-dinja;

24. Ifakkar fl-importanza ta' sħubija b'saħħitha u kostruttiva mar-Renju Unit; jilqa' pożittivament l-impuls imġedded tal-Gvern tar-Renju Unit il-ġdid biex jirrifletti mal-UE dwar il-possibbiltajiet ta' kooperazzjoni aktar stretta fl-oqsma tal-politika estera u tas-sigurtà, li tkun tirrappreżenta valur miżjud kemm għall-UE kif ukoll għar-Renju Unit; jitlob li l-Parlament ikun involut b'mod xieraq f'dawn ir-riflessjonijiet u informat bihom;

25. Ifakkar li r-relazzjoni trans-Atlantika tibqa' r-relazzjoni l-aktar strateġika u importanti għall-UE u għall-Istati Membri tagħha, li ġiet enfasizzata mill-għaqda u mill-forza tas-sħubija li ntwerew l-għada tal-invażjoni tal-Ukrajna min-naħa tar-Russja; jissottolinja li relazzjoni trans-Atlantika b'saħħitha tibqa' indispensabbli għas-sigurtà tas-sħab fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku; jistieden lill-Kummissjoni trawwem rabtiet aktar stretti mas-sħab ewlenin kemm fl-Istati Uniti kif ukoll fil-Kanada, bil-għan li tegħleb l-isfidi globali li jolqtu l-valuri, l-interessi komuni tagħna u s-sigurtà u l-prosperità tagħna;

26. Jilqa' pożittivament ir-relazzjoni stretta mal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex parti mill-UE u, b'mod partikolari, il-kooperazzjoni eċċellenti f'ċerti oqsma tal-azzjoni esterna tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmodernizza u tapprofondixxi r-

relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Iżvizzera; jisħaq fuq l-importanza li jitrawmu relazzjonijiet saħansitra aktar b'saħħithom man-Norveġja; jitlob li jiġi ffirmat malajr il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u Andorra u San Marino;

27. Itenni li reġjun Indo-Paċifiku li fih isaltnu l-paċi u l-istabbiltà u li jkun ibbażat fuq regoli huwa ta' interess vitali għall-Ewropa; jinkoraġġixxi, għal dan il-għan, rabtiet aktar stretti f'dawk li huma politika estera, sigurtà u difiża mas-sħab tal-istess fehma fir-reġjun bi qbil mal-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku; jinkoraġġixxi lill-VP/RGħ tippromwovi l-viżibbiltà u l-effett tal-azzjoni esterna tal-UE flimkien ma' sħabna fir-reġjun Indo-Paċifiku, b'mod partikolari l-Awstralja, New Zealand, il-Korea t'Isfel u l-Ġappun;

28. Ifakkar, f'dan il-kuntest, is-sħubija approfondita u komprensiva li l-UE għandha mal-Ġappun, li għandha sservi ta' mudell għal sħubija bilaterali produttiva li tippermetti tfassil tal-politiki effikaċi fil-kuntesti multilaterali; josserva li l-UE u l-Ġappun qed jiċċelebraw 50 sena ta' relazzjonijiet diplomatiċi fl-2024 u jenfasizza bil-qawwa l-interess tal-UE biex tapprofondixxi u twessa' din is-sħubija fuq livell bilaterali fil-50 sena li ġejjin; jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Ġappun u tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika (FSS) UE-Ġappun fir-relazzjoni ta' bejniethom f'mument ta' taqlib ġeopolitiku; jinkoraġġixxi liż-żewġ naħat juru r-rieda politika meħtieġa biex jirratifikaw il-FSS, b'mod partikolari dawk l-Istati Membri tal-UE li għadhom ma għamlux hekk;

29. Iqis li l-fatt li ċ-Ċina qiegħda tikber jibqa' wieħed mill-isfidi ġeopolitiċi prinċipali tas-seklu 21 u jeħtieġ risposta multidimensjonali li permezz tagħha l-UE żżomm l-impenn tagħha fil-konfront taċ-Ċina f'għadd ta' kwistjonijiet ewlenin; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jżommu l-impenn diplomatiku filwaqt li jżidu l-assertività tal-UE fil-konfront taċ-Ċina biex din iġġorr ir-responsabbiltà tagħha bħala membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti;

30. Itenni li t-Tajwan huwa sieħeb fundamentali tal-UE u alleat demokratiku fir-reġjun Indo-Paċifiku; jirrikonoxxi l-importanza tat-Tajwan biex jiġu żgurati ktajjen ta' provvista globali, speċjalment fis-settur tat-teknoloġija avvanzata, u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jidħlu f'kooperazzjoni aktar stretta mat-Tajwan; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw, permezz ta' sinjali ċari u konsistenti, li kwalunkwe tentattiv biex jinbidel unilateralment l-istatus quo fl-Istrett tat-Tajwan, b'mod partikolari permezz tal-forza jew il-koerċizzjoni, ma jistax jiġi aċċettat u se jkollu kostijiet għoljin; jenfasizza li r-rivendikazzjonijiet territorjali taċ-Ċina ma għandhom l-ebda bażi fid-dritt internazzjonali; jiddenunzja, barra minn hekk, l-imblukkar miċ-Ċina tal-parteċipazzjoni tat-Tajwan fl-organizzazzjonijiet multilaterali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsostnu l-parteċipazzjoni sinifikattiva tat-Tajwan fl-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti;

31. Itenni li l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) hija sieħeb fundamentali biex jissaħħaħ il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli; isostni l-isforzi tal-ASEAN biex jiġu konklużi n-negozjati maċ-Ċina dwar kodiċi ta' kondotta effikaċi u sostanzjali fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar; jinkoraġġixxi t-tisħiħ tal-impenn u tal-kooperazzjoni tal-UE mal-ASEAN u l-ħidma favur sħubija strateġika komprensiva;

32. Jinnota li l-isfidi ġeopolitiċi saħħu l-interess komuni tal-UE u tal-Indja biex jiżguraw is-sigurtà, il-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli; jitlob li jsir summit bejn l-Indja u l-UE biex ir-relazzjonijiet bilaterali jinżammu prijorità fl-aġenda;

33. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ u l-Istati Membri jikkonċentraw fuq ir-relazzjonijiet bilaterali ma' sħab tal-istess fehma fl-Afrika, fosthom il-Ghana, il-Kenja u s-Senegal, filwaqt li jqisu l-bżonnijiet u l-interessi reċiproċi ħalli jrawmu sħubijiet reali u bbilanċjati; jemmen li fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi mhux tal-UE għandu jiġi integrat bi sħiħ il-prinċipju "aktar għal aktar", li abbażi tiegħu l-UE tiżviluppa sħubijiet aktar b'saħħithom mal-pajjiżi li jsostnu l-prinċipji tal-PESK u tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) u l-valuri fundamentali tal-UE; jistieden lill-UE tirrispondi għall-aspettattivi tal-pajjiżi sħab u tagħmel malajr ftehimiet politiċi magħhom sabiex turi li l-UE hija sieħeb fundamentali u strateġiku u li s-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli tista' tindirizza l-isfidi kontemporanji;

34. Jisħaq fuq il-bżonn li jkompli jkun intensifikat l-impenn tal-UE fil-konfront tal-pajjiż tal-Amerka Latina tal-istess fehma, b'mod partikolari fid-dawl tal-influwenza dejjem akbar taċ-Ċina u tar-Russja fl-Amerka Latina u fil-Karibew; jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) isegwu diplomazija proattiva fir-reġjun, b'enfasi qawwija fuq id-difiża tal-ordni globali multilaterali, tad-dritt internazzjonali u tar-rispett tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem;

35. Jistieden lill-VP/RGħ tagħmel il-kollaborazzjoni mad-demokraziji tal-istess fehma prijorità tal-mandat tagħha u tissistematizza l-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni mas-sħab demokratiċi tal-istess fehma bil-għan li ttejjeb il-preparatezza komuni u l-aċċess għar-riżorsi ta' risposta għall-kriżijiet;

36. Jemmen fl-istess ħin fl-importanza li jinbnew alleanzi ġodda, fost oħrajn mall-pajjiżi tal-viċinat tagħha u tan-"Nofsinhar Globali", u jitqiesu l-bżonnijiet u l-interessi ta' xulxin bil-għan li jitrawmu sħubijiet reali u bbilanċjati;

It-trawwim tal-azzjoni tal-UE barra mill-UE

37. Jenfasizza r-rwol tal-VP/RGħ bħala pont bejn il-PESK u r-relazzjonijiet esterni tal-UE biex jiżgura l-ogħla livell ta' koordinament u koerenza fl-azzjoni esterna tal-UE; jesprimi, madankollu, dispjaċir għall-fatt li f'xi każijiet hemm nuqqas ta' ċarezza fir-rappreżentanza esterna tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ddefiniti b'mod ċar il-kompetenzi tal-VP/RGħ, tal-President tal-Kummissjoni u tal-President tal-Kunsill Ewropew fir-rigward tal-azzjoni esterna u tar-rappreżentanza tal-UE;

38. Jistieden li s-SEAE – kemm is-sede ċentrali kif ukoll id-delegazzjonijiet tal-UE – jissaħħaħ billi jingħata riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex l-UE tkun tista' tkun ippreparata aħjar għall-isfidi globali attwali u emerġenti; jistieden lill-VP/RGħ tippreżenta malajr proposti għall-istruttura operartiva futura tal-azzjonu esterna tal-UE;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tuża malajr u b'mod effikaċi l-istrateġija Global Gateway bħala alternattiva sostenibbli għall-inizjattiva Ċiniża "Belt and Road" u bħala strument biex jiżdiedu l-preżenza u l-viżibbiltà tal-UE fid-dinja;

40. Itenni li l-Parlament jivvolġi rwol fundamentali fil-PESK u jagħti kontribut speċifiku

f'din il-politika bis-saħħa tad-diplomazija parlamentari tiegħu u tal-istrumenti, tal-kanali u tal-kuntatti distinti tiegħu;

41. Jitlob li tiġi żviluppata aktar id-diplomazija preventiva tal-UE, inkluż d-djalogu u l-medjazzjoni ta' paċi, bħala strument proattiv tal-politika estera; iħeġġeġ lis-SEAE jwettaq eżerċizzji ddedikati għat-tagħlimiet meħuda;

42. Jerġa' jafferma r-rwol tar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE, li jippromwovu l-politiki u l-interessi tal-UE f'reġjuni u f'pajjiżi speċifiċi u jiżvolġu rwol importanti fl-iżvilupp ta' PESK aktar b'saħħitha u effikaċi billi lill-UE jagħtuha preżenza politika attiva fil-pajjiżi u fir-reġjuni kruċjali u jagħmluha ta' "vuċi" u "wiċċ" għall-UE u għall-politiki tagħha;

43. Jissottolinja li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE barra mill-UE biex jippromwovu l-paċi, is-sigurtà u l-progress fl-Ewropa u fid-dinja; jistieden lill-VP/RGħ:

- tikkollabora mal-Bożnija-Ħerzegovina, mal-Kosovo, man-NATO u mas-sħab ikkonċernati l-oħra biex forzi ta' pulizija sodi jkunu jistgħu jieħdu f'idejhom il-kompiti ewlenin kollha ta' sigurtà interna fil-Bożnija-Ħerzegovina u fil-Kosovo mill-2026, u tħejji l-proposti għall-missjonijiet tal-PESK neċessarji biex jiġu varati fl-2025, bl-użu tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE bħala rinforz militari preventiv; tfakkar li n-nefqa għal dawn il-miżuri, inkluża n-nefqa ta' riżerva tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu, għandha tkun iddebitata lill-baġit tal-UE;

- tikkollabora ma' Ċipru, mat-Turkija, mar-Renju Unit u man-Nazzjonijiet Uniti biex jiġu implimentati l-miżuri konkreti għad-demilitarizzazzjoni taż-żona ta' lqugħ f'Ċipru u titjieb is-sigurtà fil-gżira, kemm tal-komunità Ċiprijotta Griega kif ukoll tal-komunità Ċiprijotta Torka;

- ittenni l-appoġġ tagħha għall-ħidma li qed jagħmlu bħalissa l-Missjoni tal-Pulizija u għall-Istat tad-Dritt tal-UE għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) u l-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntieri (EU BAM) f'Rafah biex jgħinu lill-awtoritajiet Palestinjani fir-riforma tas-settur tas-sigurtà u tal-ġustizzja u fil-ġestjoni integrata tal-fruntieri;

44. Jistieden lill-VP/RGħ tagħti segwitu lill-eżempji ta' azzjonijiet li rnexxew ta' evakwazzjoni fis-Sudan u ta' protezzjoni konsolari msaħħa u taħdem għal sistema komprensiv ta' protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE barra mill-UE;

III. Il-QFP li jmiss u s-sorveljanza parlamentari tiegħu

45. Jemmen li hemm bżonn ta' aktar sorveljanza parlamentari istituzzjonalizzata tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż aċċess regolari u f'waqtu, iżda sigur, għall-informazzjoni kunfidenzjali;

46. Jissottolinja li fil-PESK, li tinkludi il-PSDK, il-Parlament Ewropew jeżerċita l-funzjoni baġitarja tiegħu b'mod konġunt mal-Kunsill; ifakkar li jeżerċita wkoll il-funzjoni ta' kontroll politiku u ta' konsultazzjoni rigward il-politiki msemmija fl-Artikolu 36 tat-TUE;

47. Ifakkar li n-nefqa kollha tal-PESK u tal-PSDK għandha tkun iddebitata lill-baġit tal-UE,

ħlief jekk il-Kunsill jiddeċiedi mod ieħor każ b'każ jew meta n-nefqa tikkonċerna operazzjonijiet b'implikazzjonijiet fis-settur militari jew tad-difiża; jirrikonoxxi li sta għall-Kunsill jistabbilixxi jekk azzjoni tal-UE barra mill-UE hijiex operazzjoni b'implikazzjonijiet fis-settur militari jew tad-difiża; jissottolinja li fil-każijiet l-oħra kollha ta' deċiżjonijiet PESK jew PSDK li jinvolvu nefqa, il-Kunsill għandu jikkunsidra l-possibbiltà li jiddebita n-nefqa lill-baġit tal-UE;

48. Jissottolinja li d-deċiżjonijiet PESK u PSDK li jinvolvu nefqa jikkostitwixxu dejjem għażliet bażiċi għal dawn il-politiki; jistieden lill-VP/RGħ tikkonsulta lill-Parlament Ewropew qabel ma tippreżenta tali proposti għal deċiżjonijiet PESK jew PSDK;

49. Ifakkar li l-eżerċizzju tal-funzjoni baġitarja tal-Parlament Ewropew huwa marbut b'mod inseparabbli mal-funzjoni ta' kontroll politiku u ta' konsultazzjoni tiegħu; ifakkar li l-Artikolu 36 tat-TUE jistabbilixxi relazzjoni speċifika bejn il-VP/RGħ u l-Parlament Ewropew, li tikkostitwixxi prerekwiżit għall-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet min-naħa tal-Parlament, u li l-VP/RGħ għandha tappoġġja lill-Parlament f'dak ir-rigward;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposti tagħha għall-QFP li jmiss fl-ewwel semestru tal-2025 ħalli jkun hemm biżżejjed ħin biex jiġu nnegozjati l-programmi; jissottolinja l-bżonn ta' nomenklatura baġitarja aktar dettaljata kemm fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali kif ukoll fl-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, li tippermetti lill-awtorità baġitarja tiffissa l-prijoritajiet politiċi u ġeografiċi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali;

51. Jissottolinja li kull kwistjoni li tqajmet qabel tirrikjedi risposta xierqa mill-eżekuttiv; jistieden lill-VP/RGħ tirrispondi malajr u bil-miktub lit-talbiet, lir-rikjesti u lit-tħassib tal-Parlament; iqis li d-dikjarazzjonijiet orali fil-kumitati jew fil-plenarja jistgħu jikkostitwixxu risposta suffiċjenti f'każijiet eċċezzjonali jew urġenti biss; jisħaq fuq il-fatt li, fil-kuntest ġeopolitiku diffiċli tal-lum, kooperazzjoni stretta u sħubija bejn il-Parlament Ewropew u l-VP/RGħ għandhom importanza strateġika; jistenna skambji aktar sistematiċi qabel l-adozzjoni ta' mandati u strateġiji PESK u fluss aħjar ta' informazzjoni dwar in-negozjati u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali, kif ukoll tal-memoranda ta' qbil; jistenna, barra minn hekk, li l-Parlament jiddaħħal effettivament fil-politiki u fl-azzjonijiet esterni kollha tal-UE bħala parti integrali tat-"Tim Ewropa", b'tali mod li tiġi mobilizzata d-diplomazija parlamentari bħala appoġġ għall-isforzi tal-VP/RGħ;

°

° °

52. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Kull sena, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jabbozza riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, bħala tweġiba għar-rapport tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija lill-Parlament Ewropew dwar il-politika estera u ta' sigurtà komuni. Din ir-riżoluzzjoni tivvaluta l-implimentazzjoni tal-PESK u hija komponent ewlieni tal-kontribut tal-Parlament Ewropew għall-azzjoni esterna tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt imsaħħaħ ta' skrutinju mogħti lill-Parlament Ewropew mit-Trattat ta' Liżbona.

Ir-rapport tal-2024 huwa l-ewwel riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-PESK f'din il-leġiżlatura. Bħala tali, għandu jagħmilha wkoll ta' gwida għall-prijoritajiet ta' Kummissjoni ġdida u Rappreżentant Għoli ġdid. Ir-rapport jeżamina l-ewwel nett ir-rapport annwali dwar il-PESK tal-VP/RGħ u sussegwentement jintegrah bil-pożizzjonijiet tal-Parlament dwar l-objettivi tal-PESK fl-2025. Fir-rapport tiegħu, ir-rapporteur għażel li jikkonċentra fuq it-tendenzi strateġiċi li jiddefinixxu l-orjentament ġenerali tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE u li aċċentwaw il-ħtieġa li l-UE tiddefinixxi l-interessi tagħha u tuża l-kapaċitajiet biex issegwihom. Dawn jinkludu:

1. il-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna,
2. il-kunflitt u s-sostenn għall-paċi fil-Lvant Nofsani,
3. il-kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma u
4. il-viżibbiltà tal-azzjoni tal-UE barra mill-UE.

Ir-rapport jiżviluppa f'aktar dettall kull wieħed minn dawn il-punti, u joffri gwida għad-diriġenti futuri tal-UE fid-definizzjoni tal-PESK. Il-pożizzjoni b'viżjoni lejn il-futur tal-Parlament fil-qasam tal-PESK hija fl-aħħar mill-aħħar sottolinjata mir-rikjesti prinċipali relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali u mas-sorveljanza parlamentari fil-konfront tiegħu.